MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 14/2009

**Victor Borg Barthet**

**Vs**

**Go plc gja Maltacom plc.**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti Victor Borg Barthet nhar id-dsatax (19) ta' Dicembru 2008 fejn ippremetta s-segwenti:-

1. "Illi huwa sar jaf ftit granet ilu li gie ntavolat Mandat ta' Sekwestru quddiem il-Qorti Numru 543/08 fl-ismijiet Maltacom plc issa bl-isem Go plc vs Victor Borg Barthet (Numru tal-Karta tal-Identita 271681M) f'ismu proprju u ghan-nom w in rapprezentanza ta' Borg Barthet Bros. Limited.

2. Illi sabiex inhareg dan il-Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv intqal illi l-kawzali hija naxxenti minn Ittra

Ufficcjali prezentata fit-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2006 numru 2664/06 skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu reza esekuttiva nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Lulju 2006 bin-numru 1228/06.

3. Illi l-esponenti effettivament qatt ma kien jaf b'din l-Ittra Ufficcjali u inoltre huwa m'huwiex u qatt ma kien, direttur u/jew *shareholder* tal-kumpanija Borg Barthet Bros. Limited, m'ghandu x'jaqsam xejn maghha u sar jaf bil-pretensjoni tal-kumpanija Go plc meta sar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi.

Konsegwentement talab, li a tenur ta' l-Artikolu 166 (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-imsemmija Ittra Ufficcjali ezekuttiva tigi rexissa u dikjarata nulla u bla effett fil-konfront tal-esponenti taħt dawk il-kundizzjonijiet xierqa u opportuni."

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Dicembru 2008 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-intimat b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta ntimata fejn esponiet is-segwenti:-

"Illi huwa minnu li s-socjeta esponenti ntavolat l-Ittra Ufficcjali li kopja taghha giet esebita mar-rikors promotur li fiha, bi svista, gie indikat Victor Borg Barthet bil-karta ta' identita numru 271681M flok Victor Borg Barthet bil-karta ta' identita numru 279551M.

Illi dawn iz-zewg persuni kienu w ghadhom jirrisjedu fl-istess fond, kif jirrizulta mill-annessi estratti (ara Dok. GO 1 sa Dok. GO 4), tar-Registru Elettorali t'April 2006, meta giet intavolata l-Ittra Ufficcjali de quo, u dak kurrenti.

Illi l-Ittra Ufficcjali giet debitament notifikata kif jirrizulta mill-kopja tar-riferta wkoll esebita mar-rikors promotur w ghalhekk it-titolu ezekuttiv, li sa illum ghad ghandha s-socjeta esponenti, huwa legalment validu.

Illi huwa nutili li issa l-imsemmi Victor Borg Barthet bil-karta ta’ identita numru 271681M jipprova jghid lil din il-Qorti, li ma kienx jaf bl-istess, peress li huwa kellu z-zmien moghti lilu bil-ligi biex jirrispondi ghall-Ittra Ufficcjali.

Illi mhux bizzejjed li jinghad li l-imsemmi Victor Borg Barthet bil-karta ta’ identita numru 271681M qatt ma kien jaf b’din l-Ittra Ufficjali, izda jrid jissodisfa lil din il-Qorti li dan huwa verament minnu u dan billi jgib provi f’dan is-sens.

Illi kien ghalhekk li l-istess socjeta ntavolat Mandat ta’ Sekwestru li kopja tieghu wkoll giet esebita mar-rikors promotur.

Illi appena gie a konjizzjoni tas-socjeta esponenti dan il-fatt u wara li hija ghamlet il-verifiki taghha, ntavolat a spejjez taghha, Kontro Mandat ghall-imsemmi Mandat mahrug kontra Victor Borg Barthet bil-karta ta’ identita numru 271681M.”

Dan nonostante, s-socjeta ntimata rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti.

Rat id-digriet taghha tas-sebgha (7) ta’ Jannar 2009 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar it-Tnejn, sebgha w ghoxrin (27) ta’ Jannar 2009.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors f’din l-istess seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Jannar 2009.

Rat dak li gie verbalizzat mill-intimat waqt is-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Jannar 2009u cioe :-

“*Il-Prokuratur Legali Noel Scerri ghas-socjeta intimata jirrileva li n-numru tal-karta tal-identita 271681M imsemmi fl-ittra ufficjali numru 2664/2006 datat tmienja w ghoxrin t’April 2006, ma tghajjatx lil Victor Borg Barthet kontra min hu xtaq jottjeni t-titolu ezekuttiv u dan ghaliex hu xtaq jghamlu kontra Victor Borg Barthet bil-karta tal-identita*

*numru 279551M u l-kumpanija Borg Barthet Brothers Limited*."

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk, in vista ta' dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar 2009, u cioe li l-intimat ipprezenta l-Ittra Ufficcjali kontra persuna ohra li ma kienitx id-debitrici tas-socjeta intimata w ghalhekk, in vista tal-istess, qieghda tilqa it-talba rikorrenti u tiddikjara l-Ittra Ufficcjali numru 2664/06 prezentata kontra ir-rikorrenti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2006 bhala rixessa, nulla u bla effett u dan a spejjez ta' l-istess socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------